

3. Ksur ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali taħt id-Dritt tal-Komunità Ewropea

Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata kienet adottata b'mod li nkisru rekwiżiti proċedurali essenzjali safejn, l-ewwel nett, il-Kummissjoni kisret id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE billi essenzjalment irrifjutat, fid-deċiżjoni kkontestata, li tirrevedi d-Deċiżjoni C(2006) 5613 finali, u t-tieni nett, id-deċiżjoni kkontestata mhijiex immotivata kif suppost u adegwament u għalhekk ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 253 KE u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2003/87 inkisru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli tikkonforma ruħha mar-rekwiżit proċedurali ta' din id-direttiva għal dak li jirrigwarda t-tul ta' żmien li fih għandha ssir l-ewwalwazzjoni.

4. Evalwazzjoni manifestament żbaljata

Skond ir-rikorrenti, meta eżaminat il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni tal-Litwanja kif emendat, il-Kummissjoni, l-ewwel nett, naqset milli tieħu in kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi u oġġettivi li ġew sostnuti mil-Litwanja u li taw lok għal żieda fl-emissjonijiet ta' tniġġis, u, it-tieni nett, applikat metodu inapproprjat ta' kalkolu u bbażat ruħha fuq data mhux preċiża, li rriżulta fl-iffissar ta' kwantità massima żbaljata ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mogħtija lil-Litwanja.

(⁴) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2007 dwar l-emenda tal-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni għall-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mil-Litwanja skond l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni ta-Kummissjoni C(2006) 5613 finali fuq il-pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni għall-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mil-Litwanja taħt id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2003/87/KE.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2007 — Patrick Holding ApS vs L-UASI — Cassera (Patrick Exclusive)

(Kawża T-370/07)

(2007/C 283/65)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Patrick Holding ApS (Fredensborg, id-Danimarka) (rappreżentant: J. Løje, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Cassera SpA (Milan, l-Italja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-26 ta' Lulju 2007 fil-każ R1447/2005-2;
- tordna li l-konvenut jirreġistra t-trade mark ikkontestata;
- tordna li l-konvenut ibati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Patrick Holding ApS

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva Komunitarja "PATRICK EXCLUSIVE" għal prodotti fil-klassi 25 (Applikazzjoni Nru 2 946 424)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Cassera SpA

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-trade mark verbali Komunitarja "G. Patrick" għal prodotti fil-klassijiet u 25 u t-trade mark verbali nazzjonali u internazzjonali "G. Patrick" għal prodotti fil-klassijiet 24 u 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Tilqa' l-oppożizzjoni kollha kemm hi

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Tiċħad l-appell

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94

Rikors imressaq fl-24 ta' Settembru 2007 — Dimos Keratas vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-372/07)

(2007/C 283/66)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Dimos Keratas (Attika, il-Greċja) (rappreżentanti: A. Papakonstantinou u M. Chaïdarlis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 5611, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Fond ta' Koeżjoni għall-proġett bl-isem "Proġett ta' immaniġġjar ta' l-iskart solidu ta' l-ewwel unità ta' immaniġġjar tar-reġjun tax-Xlokk ta' l-Attika u tat-tieni unità ta' immaniġġjar tar-reġjun ta' Trojzinja, 1. Sit ta' landfill sanitajra ta' l-iskart fl-installazzjoni integrata ta' immaniġġjar ta' l-iskart fil-post magħruf 'Vragoni', Keratea — Lavreotiki, fix-Xlokk ta' l-Attika, 2. Stazzjon ta' trasbord ta' l-iskart tat-tieni unità ta' immaniġġjar tar-reġjun ta' Attika f'Trojzinja";